**Qorti Civili – Prim Awla**

**Onor. Imhallef Dr Joanne Vella Cuschieri**

**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru: 1734/21/1JVC**

**Dr Peter Gatt**

**vs**

**Segretarju Permanenti Dr Francis Fabri et**

**Wara r-rikors ta' Dr Peter Gatt ipprezentat fl-24 ta' Novembru, 2021 u r-risposta tal-intimati datata 29 ta' Novembru, 2021;**

**Illum 6 ta' Dicembru 2021;**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent fejn ghar-ragunijiet msemmija fl-istess talab li din il-Qorti tinibixxi lill-initimati milli:

'Jkompli bl-esekuzzjoni u implementazzjomi tad-decizjoni minnu jew min minnhom mehuda u jittrasferixxi lill-esponenti sabiex jirrapporta ghax-xoghol gewwa l-Ministeru ghall-Edukazzjoni, dipartiment ancillari tal-istess Ministeru jew fi kwalunkwe skola ossia Kullegg bhal ma hu dak ta' St. Ignatius College, Triq Mdina, Qormi';

Rat l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni li jgib numru 915/21 FDP u tal-Mandat ta' Inibizzjoni 1515/21TA esebiti fl-atti odjerni;

Rat ir-risposta tal-intimati li ghar-ragunijiet kif esposti fl-istess talbu li din il-Qorti tichad il-mandat odjern;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-argument tar-rikorrenti, li abbazi tieghu jissostanzja l-mandat odjern, huma primarjament il-mandati precedenti fejn ir-rikorrent isostni li nonostante l-ordni cara fl-ewwel mandat li hu m'ghandux jigi trasferit u wkoll l-obbligazzjoni tal-intimati fl-atti tat-tieni mandat li bl-ebda mod ma kienu qed jitrasferixxu lir-rikorrent, jsostni li xorta wahda nhar it-23 ta' Novembru 2021 ir-rikorrent rcieva ordni sabiex jirraporta b'effett mill-24 ta' Novembru, 2021 gewwa l-Kullegg San Ingjazju, Mdina Road, Qormi u wkoll ircieva ordni diretta mill-intimat Emile Vassallo fhiex jikkonsisti dan ix-xoghol. Dwar dan kollu giet prezentata fl-atti prova dokumentarja.

Illi din il-Qorti rat il-fatti kif esposti fl-atti u wkoll kif esposti fid-digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti diversament presenduta fid-digriet taghha datat 20 ta' Lulju, 2021 kif isegwi:

*'Fatti*

*10. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrent huwa għalliem tal-Ġeoloġija fil-Ministeru tal-Edukazzjoni u, sa mis-sena 2014, kien qiegħed jippresta s-servizzi tiegħu bħala Senior Lecturer fi ħdan il-Malta College for Arts, Science and Technology, u dana fid-Dipartiment ta' Building & Construction Engineering.*
*11. Jirriżulta illi fis-sena 2020, qamet kwistjoni bejn ir-rikorrent w il-persuni responsabbli fl-MCAST dwar il-metodi ta' tagħlim adoperat, il-kurrikulum ta' tagħlim u varji kwistjonijiet kollha lkoll relatati mat-tagħlim illi huwa kien inkarigat jagħti lill-istudenti li tagħhom huwa kien responsabbli.*
*12. Jirriżulta illi tali differenza wasslu sabiex tittieħed deċiżjoni li jitwaqqaf milli jagħti aktar servizzi ġewwa l-MCAST, u għalhekk titħassarlu dak hekk imsejjaħ "detailing" tiegħu mal-MCAST, kif ukoll illi jitwaqqaf milli jingħata klassijiet x'jgħallem u jiġi prekluż milli jikkomunika mal-istudenti.*
*13. Jirriżulta illi, minkejja tali deċiżjoni, ir-revoka tad-'detailing' tar-rikorrent, illi hija prerogattiva tal-Prim Ministru, ma seħħitx u għalhekk huwa tħalla jattendi ġewwa l-MCAST mingħajr ma jingħata ebda xogħol x'jagħmel.*
*14. Jirriżulta illi, nelfrattemp, fis-6 ta' Ottubru 2020, huwa ressaq ilment quddiem l-Kummissarju għall-Edukazzjoni fi ħdan l-Uffiċċju tal-Ombudsman, fejn ilmenta dwar id-deċiżjoni meħuda mill-MCAST.*
*15. Jirriżulta illi fit-12 ta' Mejju 2021, il-Kummissarju għall-Edukazzjoni Vincent A De Gaetano sab a favur tar-rikorrent u għamel is-segwenti osservazzjonijiet:*

*'12.In the, circumstances the Commissioner upholds the complaint to the extent and in so far as it refers to MCAST's decision not to assign to the complainant*

*any teaching duties and to his being prevented from contacting students for such a long period while still on the books of MCAST, and concludes that this was an act which was oppressive and tantamount to degrading treatment of the complainant by the said institution.*
*13.Given the time that has elapsed from the beginning of the current academic year, no recommendations as adverted by the complainant in his complaint form are being made'*

*16. Jirriżulta illi fl-4 ta' Ġunju 2021, ir-rikorrent kien mgħarraf li proċeduri dixxiplinari mibdjia fid-9 ta' Lulju 2020 kontra tiegħu kienu ġew deċiżi lkoll kontra tiegħu w huwa kien sospiż mix-xogħol bejn il-21 ta' Ġunju 2021 u d-9 ta' Lulju 2021.*

*17. Jirriżulta, finalment, illi fis-17 ta' Ġunju 2021, ir-rikorrent kien mgħarraf illi mill-21 ta' Ġunju 2021 huwa kellu jirraporta ġewwa l-Pembroke Secondary School u kellu jirriverti lura għall-iskala ta' għalliem illi huwa kellu qabel ma sar Senior Lecturer ġewwa l-MCAST.*

*Difiżi*

*18. Jirriżulta illi l-Ministru għall-Edukazzjoni, is-Segretarju Permanenti fi dan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u Dr Joyce Cassar fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru saħqu illi ma kinux il-leġittimi kontradittturi stante illi deċiżjonijiet ta' 'detailing' jittieħdu mill-Prim Ministru.*

*19. Il-Qorti tosserva, madanakollu, illi r-rikorrent huwa impjegat tal-Ministeru tal-Edukazzjoni u għalhekk jaqa' taħt ir-responsabbiltajiet ta' tali Ministeru, filwaqt illi Dr Joyce Cassar, bħala Segretarju Permanenti tal-Peoples and Standards Division fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, hija l-persuna responsabbli għall-uffiċċju li jiġġestixxi l-approvazzjoni tar-revoka ta' detailing ta' persuna, bħalma ġara fil-każ odjern – għalhekk, huwa ben leġittimu illi l-azzjoni odjerna saret fil-konfront tagħhom.*

*20. Jirriżulta wkoll illi l-Professur Joachim James Calleja u Philip Vella, bħala Prinċipal u Deputat Prinċipal tal-MCAST, lkoll saħqu illi ma kinux il-leġittimi kontradittturi stante illi kwalsiasi deċiżjoni ttieħdet mhux f'isimhom personali, iżda f'isem il-Kulleġġ Esponent.*

*21. Il-Qorti tosserva illi kien jispetta lil tali intimati jipprovdu dokumentazzjoni in sostenn ta' dan l-assersjoni, liema dokumentazzjoni ma ġietx riprodotta. Tosserva wkoll illi fir-rikors promotur, ma ġewx imħarrka fil-kapaċita personali tagħhom, iżda bħala Prinċipal u Viċi Prinċipal tal-MCAST – għalhekk huwa ben leġittimu illi l-azzjoni odjerna saret fil-konfront tagħhom ukoll.*

*22. Jirriżulta illi l-intimati lkoll jikkontendu illi l-Mandat ta' Inibizzjoni odjern ma jistax jintlaqa' stante illi dak illi l-Mandat qiegħed jipprova jwaqqaf, attwalment dak li ġia seħħ.*

*23. Jirriżulta, mill-assjem tal-fatti kif prodotti, illi fit-18 ta' Ġunju 2021, in ottemperanza mal-ordni lilu mogħtija mill-MCAST, huwa rritorna lura l-oġġetti fil-pussess tiegħu li kellhom konnessjoni mal-MCAST.*

*24. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi permezz tal-proċeduri odjerni, huwa qiegħed jitlob lill-Qorti sabiex twaqqaf lill-intimati mill-"implimetazzjoni tad-deċiżjoni ... meħuda u jittrasferixxi lill-esponenti fl-iskola ta' Pembroke Secondary School jew xi skola oħra".*

*25. Jirriżulta illi, għalkemm huwa minnu illi d-deċiżjoni tal-MCAST jidher illi ġia ttieħdet u jidher ukoll illi, permezz ta' email datata 14 ta' Ġunju 2018, il-People Resourcing and Compliance Directorate għarrfet lil kullħadd, għajr għar-rikorrent, illi t-tħassir tad-detailing kien ġie approvat fil-11 ta' Ġunju 2021, jidher ċar illi, a differenza ta' dak indikat fl-email fuq imsemmija, fejn jingħad li "standard handover period of up to four (4) weeks, should this be required, applies", l-MCAST ikkomunikat tali deċiżjoni b'effett immedjat fi żmien tlett ijiem biss.*

*26. Jirriżulta ċar illi kwalsiasi deċiżjonijiet u azzjonijiet intentati mill-MCAST ittieħdu bil-għan illi jiġu preġudikati d-drittijiet tar-rikorrent. Jirriżulta, għalhekk, illi għalkemm jingħad illi d-deċiżjoni ġia ttieħdet, huwa ċar illi l-proċess sar kollu bil-għaġġla ferm aktar minn normal, w għalhekk il-Qorti tqis illi r-rikorrent kellu kull dritt illi jipproteġi l-ftit drittijiet illi kien baqagħlu bilproċeduri odjerni.*

*28. Għalhekk tali difiża ma tissussistix.*

*29. Jirriżulta wkoll illi l-intimati lkoll jikkontendu illi r-rikorrent ma għandux dritt prima facie w li ma għandu ebda preġudizzju irrimedjabbli.*

*30. Il-Qorti hawnhekk tosserva illi bid-deċiżjoni meħuda mill-MCAST kif ukoll approvata mill-Prim Ministru, ir-rikorrent qiegħed jiġi "demoted" minn Senior Lecturer fid-Dipartiment ta' Building & Construction Engineering fil-Kulleġġ tal-MCAST għal għalliem fl-iskola Sekondarja tal-Gvern ta' Pembroke, liema deċiżjoni għandha ramifikazzjonijet kemm finanzjarji fuq ir-rikorrent, minħabba fit-tnaqqis fis-salarju tiegħu, kif ukoll umani, in vista tal-effetti illi tali deċiżjoni ċertament ser ikollha fuq ir-rikorrent.*

*31. Il-Qorti ma tistax ma tosservax il-kumment tal-Prinċipal u Viċi Prinċipal tal-MCAST, il-Professur Calleja u s-Sur Vella, fl-argumentazzjoni minnhom imressqa*

*in sostenn mad-difiża tagħhom li r-rikorrent ma għandu ebda dritt prima facie, jgħidu dan:*

*'26.ILLI fil-fatt it-talba għar-revokazzjoni tad-detailing tar-rikorrent ma saritx b'mod kapriċċuż iżda saret bl-intenzjoni unika li persuna tal-kalibru u l-kompetenzi tar-rikorrent jiġi utilizzat b'mod li jkun aktar ġust u xieraq;'*

*32. Il-Qorti ma tistax ma tosservax li tali intenzjoni daqstant altruista da' parte tal-MCAST hija ċertament imtappna jekk mhux imċappsa b'mod irreversibbli mill-fatt li, bid-deċiżjoni tagħhom, r-rikorrent ser jerġa' jintbagħat lura fl-iskala tiegħu ta' teacher u jgħallem ġewwa l-Iskola Pembroke, minkejja l-"kalibru u l-kompetenzi" illi jisħqu li għandu r-rikorrent.*

*33. Tali azzjoni, waħidha, għandha tkun biżżejjed bħala dritt prima facie tar-rikorrent biex jipprotegi l-interess tiegħu, liema interessi ċertament jiġu irremedjabbilment preġudikati f'każ illi kellu jintbagħat lura ġewwa skola sekondarja, kif lilu ordnat biex jagħmel.*

*34. Għalhekk, kwalsiasi argumentazzjoni dwar nuqqas ta' dritt prima facie u/jew nuqqas ta' preġudizzju irrimedjabbli huwa mxejjen mill-konsegwenzi li d-deċiżjoni ta' l-intimati ser ikollhom fuq r-rikorrent.*

*35. Ikkunsidrati dawna l-punti kollha, jirriżulta, fuq bażi prima facie, illi jirrikorru l-elementi kollha meħtieġa skond il-Liġi sabiex dina l-Qorti tilqa' b'mod definittivament it-talba kif redatta. pagna*

*Deċiżjoni finali*

*Il-Qorti,*

*Wara illi rat l-atti ppreżentati quddiemha u s-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet u wara illi għamlet il-konsiderazzjonijiet fuq premessi;*

*Tiddeċiedi t-talba magħmula fil-21 ta' Ġunju 2021 billi:*

*Tilqa' t-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni kif redatt b'mod definittiv. Spejjeż tal-proċeduri odjerni jkunu kollha a kariku tal-kulleġġ intimat Malta College for Arts Science and Technology.'*

Rat ukoll id-dikjarazzjoni li saret quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta nhar il-21 ta' Ottubru, 2021, da parti tal-intimati f'dak il-mandat, fosthom intimati odjerni, kif isegwi:

'Bil-komunikazzjoni maghmula lir-rikorrent, l-intimati riedu jivverifikaw il-posizzjoni tar-rikorrenti fil-futur x'ghandha tkun u  ma kenitx intenzjonata biex

tinftiehem bhala decizjoni finali li r-rikorrenti ghandu jirraporta ghax-xoghol gewwa l-miisteru tal-Edukazzjoni fic-cirkostanzi.'

Rat id-'Deployment Notifikcation Form' datata 23 ta' Novembru, 2021 a fol. 17 tal-process li taqra kif isegwi:

'Please note that with effect from the 24$^{th}$ November 2021 you are being deployed:

AT:

St Ignatius College

Comments: Office of the Head of College Network.'

Rat ukoll il-kopja tal-e-mail mibghuta mill-intimat Emile Vassallo lir-rikorrenti datata 23 ta' Novembru, 2021 (fol. 18) li minnha johrog car li r-rikorrent kien qed jigi 'deployed' sabiex jaghmel xoghol amministrattiv u mhux dak ta' 'lecturer';

Illi dwar l-eccezzjonijiet mqajjma minn uhud mill-intimati dwar jekk humiex legittimi kontradditturi jew le l-Qorti ma tqisx li ghandha xi zzid oltre dak gia dikjarat fl-atti tal-ewwel mandat ta' inibizzjoni, tqis li fic-cirkustanzi l-intimati kollha, mhux personalment izda fil-karigi rispettivi taghhom, huma legittimi kontradditturi fil-mandat odjern w'ghalhekk qed tichad din l-eccezzjoni;

Illi fil-mertu, ghalkemm l-abbli difensuri tal-intimati pruvaw jaraw kif ser idawru l-kliem bejn dik li tfisser il-kelma 'trasferiment' u l-kelma 'deployment', ghal din il-Qorti huwa car li dak li r-rikorrent ried jinibixxi lill-intimati milli jaghmlu kemm permezz tal-ewwel mandat kif ukoll permezz ta' dan il-mandat huwa li jwaqqaf kwalunkwe azzjoni li b'xi mod tista' tipregudika l-posizzjoni tieghu bhala 'lecturer' fi hdan l-MCAST. Fil-fatt fl-ewwel mandat ukoll tintuza l-kelma 'deployment' mill-istess Onorabbli Mhallef li presjedieh. Il-Qorti tqis li huwa car mill-atti li r-rikorrenti uza l-kelma 'trasferiment' bhala li tikkomprendi kemm 'trasferiment' kif jifmuha l-intimati kif ukoll 'deployment' kif jifmuha l-intimati;

Illi fl-ewwel mandat jirrizulta li dik il-Qorti deherilha li ghandha tikkonferma l-mandat bl-ghan car li r-rikorrent, pendenti l-proceduri llum pendenti quddiem il-Qrati, ma jinghatax xoghol iehor li huwa differenti minn dak ta' 'lecturer' fi hdan l-MCAST fil-kaz tal-ewwel mandat id-direzzjoni kienet li dan jintbaghat ghalliem fl-iskola ta' 'Pembroke'. Fil-kaz odjern il-pregudizzju prima facie huwa aktar car f'ghajnejn din il-Qorti ghaliex mhux talli nharget ordni ta' 'deployment' kif l-intimati gia huma prekluzi milli jaghmlu permezz tal-ewwel mandat izda l-imsemmi 'deployment' huwa ghall-ufficcju fi hdan kullegg (li jdawruha kif idawruha l-intimati jikwalifika bhala skola anzi huwa kollezzjoni ta' numru ta' skejjel f'daqqa) sabiex ir-rikorrent jaghmel xoghol amministrattiv li ma ghandu

x'jaqsam xejn mat-taghlim dirett lill-istudenti. Din il-Qorti wkoll hija tal-fehema li jekk dan l-agir da parti tal-intimati ma' jigi inibit pendenti decizjoni finali, l-pregudizzju li jista' jsoffri r-rikorrenti fil-mori huwa tant kbir li jista' jkun ukoll irrimedjabbli.

Illi l-Qorti tqis li l-ghan originali tal-ewwel mandat kien u baqa li l-jedd *prima facie* tar-rikorrent li ma jipregudikax il-posizzjoni tieghu bhala 'lecturer' mal-MCAST jigi salvagwardjat. Tqis li dan ghadu jissusisti u li l-ordni li nghatat mill-intimati nhar it-23 ta' Novembru, 2021 lill-intimat sabiex jibda jaghmel xoghol amministrattiv tmur kontra dan il-jedd. Il-fatt li l-ordni nghatat jum qabel gie ntavolat u milqugh provizorjament il-mandat ma jfissirx li din il-Qorti ma tistax twaqqaf it-twettiq tal-istess ordni u cioe' li r-rikorrenti jigi sfurzat jirraporta ghax-xoghol fil-post indikat bi pregudizzju ghall-jeddijiet *prima facie* tieghu. Stante li l-ewwel mandat iddikjara li r-rikorrent ma ghandu jigi trasferit lejn l-ebda skola ohra u stante li l-intimati qed jargumentaw li l-Kullegg in kwistjoni ma jikwalifikax bhala skola, allura jehtieg li din il-Qorti ticcara l-projbizzjoni u sew tilqa' wkoll dan il-mandat sabiex ikun car li pendenti l-proceduri quddiem il-Qorti, ma ghandu jsir l-ebda tentattiv iehor ta' trasferiment jew 'deployment' fil-konfront tar-rikorrent. Ghalhekk il-kelma 'trasferiment' f'dan il-mandat ghandha tinkludi wkoll fiha l-kelma 'deployment'.

Jehtieg li l-intimati, pendenti l-kawza, jieqfu jipruvaw u jittentaw jilaghbu bil-kliem sabiex b'xi mod jaraw kif jevadu l-ordnijiet tal-Qrati. Jekk il-preokkupazzjoni tal-intimati hija li r-rikorrent prezentement qed jircievi l-paga minghajr ma jahdem dan facilment jista' jigi risolt billi r-rikorrent, pendenti decizjoni finali, jinghata xoghol ta' 'lecturer' fi hdan l-MCAST kif fuq kollox kien jaghmel ghal diversi snin u dan minghajr pregudizzju ghal-gudizzju finali dwar il-kwistjoni bejn il-partijiet. B'hekk l-intimati jkunu qed jaghmlu uzu tajjeb mill-paga li qed jircievi r-rikorrent u mhux ikunu kompartecipi mal-fatt li r-rikorrent qed jithallas minghajr ma jahdem.

Jkun ahjar li l-intimati jiffukaw l-isforzi taghhom fuq li jaghlqu kemm jista' jkun malajr il-proceduri pendenti u jwassluhom ghal decizjoni finali sabiex il-jeddijiet ta' kull parti jkunu kristallizzati f'decizjoni finali, milli jahlu hinhom iffittxu mezzi kif jevadu l-ordnijiet mposti fuqhom.

Dan id-digriet qed jinghata fuq bazi ta' *prima facie* u minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe proceduri ta' disprezz jew mod iehor pendenti bejn il-partijiet b'referenza ghal digrieti ta' mandati ta' inibizzjoni precedenti.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti, din il-Qorti tikkonferma d-digriet precedenti taghha u tilqa' b'mod definittiv il-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 1734/2021.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati.

| | |
|---|---|
| **Onor. Imhallef Dr Joanne Vella Cuschieri** | **Karen Falzon** |
| **Imhallef** | **Deputat Registratur** |